II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-12 ta' Diċembru 2011**

**dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu**

(2012/22/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 (il-"Protokoll ta' Ateni") jirrappreżenta titjib kbir fis-sistema marbuta mar-responsabbiltà tat-trasportaturi u l-kumpens tal-passiġġieri li jinġarru bil-baħar. B'mod partikolari, dan jipprevedi responsabbiltà stretta tat-trasportatur inkluż assigurazzjoni obbligatorja, bid-dritt ta' azzjoni diretta kontra l-assiguraturi sa limiti speċifikati u regoli dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi. Għaldaqstant, il-Protokoll ta' Ateni huwa konformi mal-għan tal-Unjoni li jittejjeb ir-reġim legali marbut mar-responsabbiltà tat-trasportaturi.

(2) Il-Protokoll ta' Ateni jimmodifika l-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 ("il-Konvenzjoni ta' Ateni") u fl-Artikolu 15 jistabbilixxi li ż-żewġ strumenti għandhom jinqraw u jiġu interpretati flimkien bħala strument wieħed u uniku bejn il-Partijiet tal-Protokoll ta' Ateni.

(3) Il-maġġoranza tar-regoli tal-Protokoll ta' Ateni ġew inkorporati fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti [1]. Għalhekk l-Unjoni eżerċitat kompetenza fir-rigward tal-materji rregolati minn dak ir-Regolament. L-Istati Membri, madanakollu, jżommu l-kompetenza tagħhom fir-rigward ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Ateni, bħall-klawsola ta' non-parteċipazzjoni li biha huma jistgħu jistabbilixxu limiti ta' responsabbiltà li huma ogħla minn dawk stipulati fl-ambitu tal-Protokoll ta' Ateni. Il-materji tal-kompetenza tal-Istati Membri taħt il-Protokoll ta' Ateni u dawk li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni huma interdipendenti. Għalhekk f'materji ta' kompetenza tagħhom taħt il-Protokoll ta' Ateni, l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'mod koordinat, filwaqt li jikkunsidraw l-obbligu ta' kooperazzjoni leali tagħhom.

(4) Il-Protokoll ta' Ateni huwa miftuħ għar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni mill-Istati u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li huma kostitwiti minn Stati sovrani li ttrasferew il-kompetenza f'ċerti materji rregolati mill-Protokoll lil dawk l-Organizzazzjonijiet.

(5) Skont l-Artikolu 17(2)(b) u l-Artikolu 19 tal-Protokoll ta' Ateni, l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jistgħu jikkonkludu l-Protokoll ta' Ateni.

(6) F'Ottubru 2006, il-Kumitat Legali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali adotta r-Riserva u l-Linji Gwida tal-IMO għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ateni ("il-Linji Gwida tal-IMO") sabiex jiġu indirizzati ċerti materji fil-Konvenzjoni ta' Ateni, bħal, b'mod partikolari l-kumpens għal ħsarat marbutin mat-terroriżmu.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 jirriproduċi fl-annessi tiegħu id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-verżjoni kkonsolidata tal-Konvenzjoni ta' Ateni kif emendata mill-Protokoll ta' Ateni u l-Linji Gwida tal-IMO.

[1] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24.

(8) Skont it-termini tal-Artikolu 19 tal-Protokoll ta' Ateni, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandha tiddikjara, fil-mument tal-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni tagħha, il-punt safejn hija kompetenti fir-rigward tal-materji rregolati mill-Protokoll.

(9) Konsegwentement, l-Unjoni, għandha taderixxi għall-Protokoll ta' Ateni u tagħmel ir-riserva imniżżla fil-Linji Gwida tal-IMO. Il-fatt li ssir tali riserva m'għandux ikun interpretat bħala l-alterazzjoni tad-diviżjoni attwali tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-kontrolli mill-awtoritajiet tal-Istat.

(10) Ċerti dispożizzjonijiet taħt il-Protokoll ta' Ateni jikkonċernaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Deċiżjoni separata li tirrigwarda dawk id-dispożizzjonijiet ser tiġi adottata b'mod parallel għal din id-Deċiżjoni.

(11) L-Istati Membri li għandhom jirratifikaw jew jaderixxu għall-Protokoll ta' Ateni għandhom, jekk possibbli, jagħmlu hekk simultanjament. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jikkondividu informazzjoni dwar l-istat tal-proċeduri ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom sabiex jippreparaw safejn possibbli għad-depożitu simultanju tal-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom. Meta jkunu qegħdin jirratifikaw jew jaderixxu għall-Protokoll ta' Ateni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riserva msemmija fil-Linji Gwida tal-IMO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 (il-"Protokoll ta' Ateni") b'dan hija approvata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, bl-eżżezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu.

It-test tal-Protokoll ta' Ateni, għajr l-Artikoli 10 u 11, huwa riprodott fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiddepożitaw l-istrument ta' adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll ta' Ateni skont l-Artikoli 17(2)(c), 17(3) u 19 ta' dak il-Protokoll.

2. Fil-mument meta jiġi ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni, l-Unjoni għandha tagħmel id-dikjarazzjoni ta' kompetenza li ġejja:

"1. L-Artikolu 19 tal-Protokoll ta' Ateni tal-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 jipprevedi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li huma kostitwiti minn Stati sovrani u li trasferew il-kompetenza f'ċerti materji rregolati minn dak il-Protokoll lilhom jistgħu jiffirmawh, bil-kondizzjoni li jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu. L-Unjoni ddeċidiet li taderixxi għall-Protokoll ta' Ateni u għalhekk qed tagħmel din id-dikjarazzjoni.

2. Il-Membri attwali tal-Unjoni Ewropa huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

3. Din id-dikjarazzjoni ma tapplikax fil-każ għal territorji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li fihom ma japplikax it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u hija mingħajr preġudizzju għal dawk l-atti jew il-pożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati skont il-Protokoll mill-Istati Membri kkonċernati f'isem dawk it-territorji u fl-interess tagħhom.

4. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kkonferixxew il-kompetenza esklussiva lill-Unjoni fir-rigward tal-miżuri adottati abbażi tal-Artikolu 100 tat-TFUE. Tali miżuri ġew adottati fir-rigward tal-Artikoli 1 u 1(a), l-Artikolu 2(2), l-Artikoli 3 sa 16 u l-Artikoli 18, 20 u 21 tal-Konvenzjoni ta' Ateni kif emendata bil-Protokoll ta' Ateni u bid-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-IMO, permezz tar-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti.

5. L-eżerċizzju ta' kompetenza li l-Istati Membri ttrasferixxew lill-Unjoni Ewropea skont it-TFUE, fin-natura tiegħu, huwa suġġett għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-TFUE, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-punt safejn l-Unjoni Ewropea hija kompetenti. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea tirriserva d-dritt li temenda din id-dikjarazzjoni f'dan is-sens, mingħajr ma dan jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fir-rigward ta' materji rregolati mill-Protokoll ta' Ateni. L-Unjoni Ewropea ser tinnotifika d-dikjarazzjoni emendata lis-Segretarju-Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.".

3. Il-persuna jew il-persuni maħtura skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jagħmlu r-riserva msemmija fil-Linji Gwida tal-IMO meta jiddepożitaw l-istrument ta' adeżjoni tal-Unjoni għall-Protokoll ta' Ateni.

*Artikolu 3*

L-Unjoni għandha tiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tagħha għall-Protokoll ta' Ateni sal-31 ta' Diċembru 2011.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika ta', jew tal-adeżjoni għall-Protokoll ta' Ateni fi żmien raġonevoli u, jekk possibbli, sal-31 ta' Diċembru 2011.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riserva msemmija fil-Linji Gwida tal-IMO meta jiddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika ta', jew ta' adeżjoni għall-Protokoll ta' Ateni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. NOWAK

*ANNESS*

**PROTOKOLL TAL-2002 GĦALL-KONVENZJONI TA' ATENI DWAR IL-ĠARR BIL-BAĦAR TA' PASSIĠĠIERI U L-BAGALJI TAGĦHOM, 1974**

L-ISTATI PARTIJIET GĦAL DAN IL-PROTOKOLL,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li huwa mixtieq li tiġi riveduta l-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, li saret f'Ateni fit-13 ta' Diċembru 1974, biex jiġi previst kumpens imsaħħaħ, tiġi introdotta responsabbiltà stretta, tiġi stabbilita proċedura simplifikata biex jiġu aġġornati ammonti tal-limitazzjoni, u biex tiġi żgurata l-assigurazzjoni obbligatorja għall-benefiċċju tal-passiġġieri,

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Protokoll tal-1976 għall-Konvenzjoni jintroduċi d-Dritt Speċjali ta' Ġbid bħala l-Unità tal-Kont minflok il-franki tad-deheb.

WARA LI NNOTAW li l-Protokoll tal-1990 għall-Konvenzjoni, li jipprevedi kumpens imsaħħaħ u proċedura simplifikata biex jiġu aġġornati ammonti tal-limitazzjoni, ma daħalx fis-seħħ,

QABLU kif ġej:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

1. "Konvenzjoni" tfisser it-test tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974.

2. "Organizzazzjoni" tfisser l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

3. "Segretarju-Ġenerali" tfisser is-Segretarju-Ġenerali tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni jinbidel bit-test li ġej:

"1. (a) "trasportatur" tfisser persuna li minnha jew f'isimha ġie ffirmat kuntratt ta' ġarr, sew jekk il-ġarr attwalment isir minn dik il-persuna jew minn trasportatur prestanti;

(b) "min qed jagħmel l-att tal-ġarr" tfisser persuna barra min iġorr, sew jekk tkun is-sid, xi ħadd mikri jew operatur ta' bastiment, li fil-verita' jagħmel il-ġarr kollu jew parti mill-ġarr; u

(ċ) "min iġorr li fil-verita' jagħmel il-ġarr kollu jew parti mill-ġarr" tfisser dak li jagħmel l-att tal-ġarr, jew, sakemm min iġorr fil-verita' jagħmel il-ġarr, min iġorr.".

*Artikolu 3*

1. L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"10. "Organizzazzjoni" tfisser l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.".

2. It-test li ġej jinżied bħala l-Artikolu 1(11) tal-Konvenzjoni:

"11. "Segretarju-Ġenerali" tfisser is-Segretarju-Ġenerali tal-Organizzazzjoni.".

*Artikolu 4*

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 3*

**Responsabbiltà tat-trasportatur**

1. Għat-telf li ġarrab passiġġier minħabba mewt jew korriment ikkawżati minn inċident bil-bastiment, min iġorr għandu jkun obbligat sa tali punt li dak it-telf li ġarrab il-passiġġier f'kull okkażjoni separata ma jkunx aktar minn 250,000 unità tal-kont, sakemm min iġorr ma jġibx provi li l-inċident:

(a) kien riżultat ta' att ta' gwerra, ġlied, gwerra ċivili, reżistenzi jew fenomu naturali ta' natura eċċezzjonali, inevitabbli u irreżistibbli; jew

(b) kien ikkawżat totalment minn att jew ommissjoni bl-intenzjoni li terza parti tikkawża l-inċident.

Jekk u sal-punt li t-telf jeċċedi l-ogħla limitu, min iġorr għandu jkun obbligat iktar sakemm ma jġibx provi li l-inċident li kkawża t-telf ġara mingħajr tort jew negliġenza minnaħa tiegħu.

2. Għat-telf li jġarrab passiġġier minħabba mewt jew korriment li mhux ikkawżat minn inċident bil-bastiment, min iġorr għandu jkun obbligat jekk l-inċident li wassal għat-telf kien tort jew minħabba negliġenza tiegħu. Ir-responsabbilta' biex jiġi ppruvat it-tort jew negliġenza għandha taqa' fuq ir-rikorrent.

3. Għat-telf li jiġġarrab minħabba telf jew ħsara tal-bagalji fil-kabina, min iġorr għandu jkun obbligat jekk l-inċident li wassal għat-telf kien tort jew minħabba negliġenza tiegħu. It-tort jew in-negliġenza ta' min iġorr għandhom jitqiesu għal telf ikkawżat minħabba inċident bil-bastiment.

4. Għat-telf li jiġġarrab minħabba telf jew ħsara lill-bagalji barra l-bagalji fil-kabini, min iġorr għandu jkun obbligat sakemm hu ma jġibx provi li l-inċident li wassal għat-telf ġara mingħajr ma kellu tort jew minħabba negliġenza minnaha tiegħu.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) "inċident bil-bastiment" ifisser meta bastiment jegħreq, jinqaleb, jaħbat jew jieqaf, ikun hemm splużjoni jew nar fuq il-bastiment, jew difett fil-bastiment;

(b) "tort jew negliġenza ta' min iġorr" tinkludi t-tort jew negliġenza tal-qaddejja ta' min iġorr, li jaġixxu fl-iskop tal-impjieg tagħhom;

(ċ) "difett fil-bastiment" tfisser kull ħsara, nuqqas jew nuqqas ta' konformità mar-regolamenti applikabbli dwar is-sigurtà fil-każ ta' xi parti mill-bastiment jew it-tagħmir tiegħu meta jkunu użati biex jaħarbu, jiġu evakwati, jimbarkaw u jiżbarkaw il-passiġġieri; jew meta jkunu użati biex isuqu, idawru, ibaħħru b'mod sigur, jitqiegħed l-irmiġġ, jankraw, jaslu fi jew iħallu l-moll jew fejn ikunu ankrati, jew għall-kontroll tal-ħsara wara li jimtela bl-ilma; jew meta jkun użat biex jintefa' tagħmir li jsalva l-ħajjiet; u

(d) "it-telf" m'għandux jinkludi ħsarat severi ħafna jew tajbin ħafna.

6. Ir-responsabbiltà ta' min iġorr taħt dan l-Artiklu tirrigwarda biss it-telf li jinqala' minħabba inċidenti li saru waqt il-ġarr. Ir-responsabbilta' biex ikun pruvat li l-inċident li wassal għat-telf ġara waqt il-ġarr, u l-kobor tat-telf, għandhom jaqgħu fuq ir-rikorrent.

7. L-ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tippreġudika kull dritt ta' rikors minn min iġorr kontra terza parti, jew biex jiddefendi n-negliġenza kontributorja taħt l-Artikolu 6 ta' din il-Konvenzjoni. L-ebda ħaġa f'dan l-Artikolu m'għandha tippreġudika kull dritt ta' limitazzjoni taħt Artikoli 7 jew 8 ta' din il-Konvenzjoni.

8. Meta jkun hemm preżunzjonijiet dwar tort jew negliġenza ta' parti jew ir-responsabbilta' tal-provi tintefa' fuq xi parti dawn m'għandhomx iżommu milli titqies evidenza favur dik il-parti.".

*Artikolu 5*

It-test li ġej jinżied bħala l-Artikolu 4bis tal-Konvenzjoni:

"*Artikolu 4bis*

**Assigurazzjoni obbligatorja**

1. Meta passiġġieri jinġarru abbord bastiment reġistrat fi Stat Parti li hu reġistrat biex iġorr aktar minn tnax-il passiġġier, u din il-Konvenzjoni tapplika, kull min iġorr li fil-verita' jagħmel il-ġarr kollu jew parti minnu għandu jżomm assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra, bħal garanzija ta' bank jew istituzzjoni finanzjarja simili, biex ikopri r-responsabbiltà taħt din il-Konvenzjoni rigward mewt u korriment lill-passiġġieri. Il-limitu tal-assigurazzjoni obbligatorja jew xi sigurta' finanzjarja oħra m'għandhiex tkun inqas minn 250 000 unità tal-kont għal kull passiġġier f'kull okkażjoni distinta.

2. Ċertifikat li jiddikjara li dik l-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra qiegħda fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandu jinħareġ lil kull bastiment wara li l-awtorita' addattata ta' Stat Parti tkun iddeterminat li l-ħtiġijiet ta' paragrafu 1 intlaħqu. Fil-każ ta' bastiment reġistrat fi Stat Parti, dak iċ-ċertifikat għandu jinħareġ jew ikun ċertifikat mill-awtorita' addattata tal-Istat tar-reġistru tal-bastiment; fil-każ ta' bastiment mhux reġistrat fi Stat Parti jista' jinħareġ jew ikun ċertifikat mill-awtorita' addattata ta' kwalunkwe Stat Parti. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun forma tal-mudell mogħti fl-anness għal din il-Konvenzjoni u għandu jkun fih id-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem tal-bastiment, numru distintiv jew ittri u l-port tar-reġistru;

(b) l-isem u l-post prinċipali tan-negozju ta' min iġorr li fil-fatt jagħmel il-vjaġġ kollu jew parti mill-vjaġġ;

(ċ) in-numru ta' identifikazzjoni IMO tal-bastiment;

(d) tip u tul ta' żmien tas-sigurta';

(e) l-isem u l-post prinċipali tan-negozju tal-assiguratur jew persuna oħra li tagħti sigurta' finanzjarja u, fejn jixraq, il-post tan-negozju fejn hi stabbilita l-assigurazzjoni jew xi sigurta' oħra finanzjarja; u

(f) il-perjodu tal-validita' taċ-ċertifikat, li m'għandux ikun itwal mill-perjodu ta' validita' tal-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra.

3. (a) Stat Parti jista' jawtorizza lil xi istituzzjoni jew Organizzazzjoni rikonoxxuta minnu biex toħroġ iċ-ċertifikat. Tali istituzzjoni jew l-organizzazzjoni għandha tinforma lil dak l-Istat dwar il-ħruġ ta' kull ċertifikat. Fil-każijiet kollha, l-Istat Parti għandu jiggarantixxi bis-sħiħ it-tlestija u l-eżattezza taċ-ċertifikat hekk meħtieġ, u għandu jiżgura l-arranġamenti meħtieġa biex jaqdi dan l-obbligu.

(b) Stat Parti għandu jinnotifika lis-Segretarju-Ġenerali dwar:

(i) ir-responsabbiltajiet speċifiċi u l-kondizzjonijiet tal-awtorita' delegata lil xi istituzzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta minnu;

(ii) l-irtirar tal-awtorita'; u

(iii) id-data li minnha dik l-awtorita' jew it-tneħħija ta' tali awtorita' tibda sseħħ.

Awtorita' delegata m'għandhiex tieħu effett qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data tan-notifika għal dak il-għan li tkun ingħatat lis-Segretarju-Ġenerali.

(ċ) L-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ ċertifikati skont dan il-paragrafu għandha, minn tal-anqas, tkun awtorizzata biex tirtira dawn iċ-ċertifikati jekk ma jkunx hemm il-kondizzjonijiet li fihom inħarġu. Fil-każijiet kollha l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni għandha tirrapporta tali rtirar lill-Istat li f'ismu nħareġ iċ-ċertifikat.

4. Iċ-ċertifikat għandu jkun bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat emittenti. Jekk il-lingwa użata mhix Ingliż, Franċiż jew Spanjol, it-test għandu jkun fih traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi, u, fejn l-Istat jiddeċiedi hekk, il-lingwa uffiċjali tal-Istat jista' jitneħħa.

5. Iċ-ċertifikat għandu jinġarr abbord il-bastiment, u kopja tiegħu għandha titħalla mal-awtoritajiet li jżommu rekord tar-reġistru tal-bastiment jew, jekk il-bastiment mhux reġistrat fi Stat Parti, mal-awtorita' tal-Istat li ħareġ jew iċċertifika ċ-ċertifikat.

6. Assigurazzjoni jew sigurta' finanzjarja oħra m'għandhiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jekk tieqaf milli, għal raġunijiet barra li jiskadi l-perjodu ta' validita' tal-assigurazzjoni jew sigurta' speċifikata fiċ-ċertifikat, qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data li fiha jingħata avviż tat-tmiem tagħha lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 5, sakemm iċ-ċertifikat ma ngħatax lura lil dawn l-awtoritajiet u nħareġ ieħor ġdid fl-istess perjodu. Id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel għandhom bl-istess mod japplikaw għal kull modifika li twassal biex l-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra ma tibqax tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan l-Artikolu.

7. L-Istat tar-reġistru tal-bastiment għandu, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, jiddetermina l-kondizzjonijiet dwar il-ħruġ u l-validita' taċ-ċertifikat.

8. L-ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tkun interpretata li qiegħda żżomm Stat Parti milli jserraħ fuq informazzjoni miksuba minn Stati oħra jew mill-Organizzazzjoni jew xi organizzazzjonijiet oħra internazzjonali marbuta mal-pożizzjoni finanzjarja tal-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni. F'dawk il-każijiet, l-Istat Parti dependenti minn tali informazzjoni mhux eżentat mir-responsabbilta' tiegħu bħala Stat li joħroġ iċ-ċertifikat.

9. Ċertifikati maħruġa jew iċċertifikati taħt l-awtorita' ta' Stat Parti għandhom ikunu aċċettati minn Stati Partijiet oħra għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni u għandhom jitqiesu minn Stati Partijiet li għandhom l-istess forza bħaċ-ċertifikati maħruġa minnhom, anki jekk maħruġa jew iċċertifikati fil-każ ta' bastiment mhux reġistrat fi Stat Parti. Stat Parti jista' meta jrid jitlob li jikkonsulta mal-Istat li ħarġu jew iċċertifikah jekk jemmen li l-assiguratur jew il-garantur imsemmi fiċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni mhux finanzjarjament kapaċi jilħaq l-obbligi imposti b'din il-Konvenzjoni.

10. Kwalunkwe talba għall-kumpens koperta b'assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' titressaq direttament kontra l-assiguratur jew xi persuna oħra li tipprovdi sigurta' finanzjarja. F'tali każ, l-ammont imniżżel fil-paragrafu 1 jgħodd bħala l-limitu tar-responsabbiltà tal-assiguratur jew persuna oħra li tagħti sigurta' finanzjarja, anke jekk min iġorr jew min qed jagħmel l-att tal-ġarr mhux intitolat għal-limitazzjoni ta' responsabbiltà. Id-difensur jista' jappella ulterjorment id-difiżi (ħlief falliment jew xoljiment) li min iġorr imsemmi fil-paragrafu 1 kien ikun intitolat biex jappella skont din il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, id-difensur jista' jappella l-każ li l-ħsara ġrat minħabba n-nuqqas ta' mġiba tajba intenzjonata tal-assiguratur, iżda d-difensur m'għandux jappella xi każ ieħor li hu seta' kien intitolat biex jappella fil-passi li jieħu l-assiguratur kontra d-difensur. Id-difensur għandu fi kwalunkwe każ għandu dritt jitlob lil min iġorr u lil min qed jagħmel l-att tal-ġarr biex jidħlu fil-proċedimenti.

11. Kwalunkwe somma li tagħti l-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra miżmuma skont paragrafu 1 għandha tkun disponibbli esklussivament għas-sodisfazzjon tat-talbiet taħt din il-Konvenzjoni, u kwalunkwe ħlas li jsir ta' dawk l-ammonti għandu jneħħi kull responsabbiltà li ġġib magħha din il-Konvenzjoni rigward l-ammont tas-somom imħallsa.

12. Stat Parti m'għandux iħalli bastiment bil-bandiera tiegħu li għalih japplika dan l-Artikolu biex jopera fi kwalunkwe ħin sakemm ma jkunx inħareġ ċertifikat taħt paragrafi 2 sa 15.

13. Soġġet għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, kull Stat Parti għandu jiżgura, permezz tal-liġi nazzjonali, li l-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra, safejn hu speċifikat fil-paragrafu 1, tkun fis-seħħ fil-każ ta' kwalunkwe bastiment li hu liċenzjat biex iġorr aktar minn tnax-il passiġġier, kull fejn hu reġistrat, li jidħol jew jitlaq minn port fit-territorju tiegħu safejn tapplika din il-Konvenzjoni.

14. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 5, Stat Parti jista' jgħarraf lis-Segretarju-Ġenerali li, għall-finijiet ta' paragrafu 13, bastimenti mhumiex meħtieġa jġorru abbord jew jipproduċu ċ-ċertifikat meħtieġ fil-paragrafu 2 meta jidħlu jew jitilqu minn portijiet fit-territorju tiegħu, dejjem jekk l-Istat Parti li joħroġ iċ-ċertifikat ikun għarraf lis-Segretarju-Ġenerali li hu jżomm rekords f'format elettroniku, aċċessibbli għall-Istati Prtijiet kollha, li jiddikjara l-eżistenza taċ-ċertifikat u jippermetti lill-Stati Partijiet biex ikunu xolti mill-obbligi tagħhom taħt paragrafu 13.

15. Jekk l-assigurazzjoni jew xi sigurta' finanzjarja oħra ma tinżammx fir-rigward ta' bastiment li għandu Stat Parti, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu marbuta miegħu m'għandhomx japplikaw għal tali bastiment, iżda l-bastiment għandu jġorr ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet addattati tal-Istat tar-reġistru tal-bastiment, li jistqarr li l-bastiment huwa ta' dak l-Istat u li r-responsabbiltà hi koperta bl-ammont preskritt skont paragrafu 1. Dak iċ-ċertifikat għandu kemm jista' jkun isegwi l-mudell preskritt fil-paragrafu 2.".

*Artikolu 6*

L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jinbidel bit-test li ġej:

"*Artikolu 7*

**Limitu ta' responsabbiltà għal mewt u korriment**

1. Ir-responsabbiltà ta' min iġorr għal mewt jew korriment ta' xi passiġġier taħt l-Artikolu 3 m'għandhiex taqbeż l-400 000 unità tal-kont għal kull passiġġier f'kull okkażjoni distinta. Meta, skont il-liġi tal-qorti li qed tismal-każ, il-ħsarat jitħallsu f'forma ta' pagamenti perjodiċi tad-dħul, il-valur tal-kapital ekwivalenti ta' dawk il-pagamenti m'għandux jaqbeż il-limitu msemmi.

2. Stat Parti jista' jirregola permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi nazzjonali l-limitu ta' responsabbiltà prevista fil-paragrafu 1, dment li dak il-limitu nazzjonali ta' responsabbiltà, jekk hemm, mhux anqas minn dak previst fil-paragrafu 1. Stat Parti, li jagħmel użu mill-għażla prevista f'dan il-paragrafu previst, għandu jinforma lis-Segretarju-Ġenerali dwar il-limitu ta' responsabbiltà adottat jew dwar il-fatt li m'hemm l-ebda wieħed.".

*Artikolu 7*

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jinbidel bit-test li ġej:

"*Artikolu 8*

**Limitu ta' responsabbiltà għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji u lill-vetturi**

1. Ir-responsabbiltà ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji fil-kabina m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 2,250 unità tal-kont għal kull passiġġier, kull vjaġġ.

2. Ir-responsabbiltà ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-vetturi inkluż il-bagalji kollha li jinġarru fil- jew fuq il-vettura m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 12,700 unità tal-kont għal kull vettura, kull vjaġġ.

3. Ir-responsabbiltà ta' min iġorr għal telf ta' jew ħsara lill-bagalji barra dawk imsemmija f'paragrafi 1 u 2 m'għandha fl-ebda każ tkun aktar minn 3,375 unità tal-kont għal kull passiġġier, kull vjaġġ.

4. Min iġorr u l-passiġġier jistgħu jaqblu li r-responsabbiltà ta' min iġorr għandha tkun soġġetta għal tnaqqis li ma jaqbiżx it-330 unità tal-kont f'każ ta' ħsara lil xi vettura u li ma jaqbiżx 149 unità tal-kont għal kull passiġġier f'każ ta' telf ta' jew ħsara lil xi bagalji oħra, liema somma trid titnaqqas mit-telf jew mill-ħsara.".

*Artikolu 8*

L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni jinbidel bit-test li ġej:

"*Artikolu 9*

**Unità tal-Kont u konverżjoni**

1. Il-Unità tal-Kont imsemmija f'din il-Konvenzjoni hija d-Dritt Speċjali ta' Ġbid kif imfisser fil-Fond Monetarju Internazzjonali. L-ammonti msemmija fl-Artikolu 3, paragrafu 1, l-Artikolu 4bis, paragrafu 1, l-Artikolu 7, paragrafu 1, u l-Artikolu 8 għandhom jiġu kkonvertiti fil-munita nazzjonali tal-Istat tal-qorti li qed tismal-każ skont il-valur ta' dik il-munita b'referenza għad-Dritt Speċjali ta' Ġbid fid-data tas-sentenza jew id-data maqbula mill-partijiet. Il-valur tal-munita nazzjonali, fil-każ tad-Dritt Speċjali ta' Ġbid, ta' Stat Parti li hu membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jkun stmat skont il-metodu ta' valutazzjoni applikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali fis-seħħ fid-data msemmija għall-operat u t-tranżazzjonijiet tiegħu. Il-valur tal-munita nazzjonali, skont id-Dritt Speċjali ta' Ġbid, ta' Stat Parti li mhux membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, għandu jkun ikkalkulat b'mod determinat minn dak l-Istat Parti.

2. Madankollu, Stat li mhux membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali u li l-liġi tiegħu ma tippermettix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1 jista', meta ssir ir-ratifika, tiġi aċċettata, approvata jew tissieħeb f'din il-Konvenzjoni jew fi kwalunkwe ħin wara dan, tiddikjara li dak il-Unità tal-Kont imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun daqs 15-il frank tad-deheb. Il-frank tad-deheb imsemmi f'dan il-paragrafu jikkorrispondi għal ħamsa u sittin milligramma u nofs ta' deheb ta' finezza milleżima ta' disa' mija. It-tisrif tal-frank tad-deheb fil-munita nazzjonali għandu jsir skont il-liġi tal-Istat konċernat.

3. Il-kalkulazzjoni msemmija fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 1, u l-konverżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir b'tali mod biex tesprimi fil-munita nazzjonali tal-Istati Partijiet, safejn hu possibbli, l-istess valur reali tal-ammonti fl-Artikolu 3, paragrafu 1, l-Artikolu 4bis, paragrafu 1, l-Artikolu 7, paragrafu 1 u l-Artikolu 8 bħalma kieku jirriżulta mill-applikazzjoni tal-ewwel tliet sentenzi ta' paragrafu 1. L-Istati għandhom jgħarrfu lis-Segretarju-Ġenerali dwar il-metodu ta' kalkulazzjoni skont paragrafu 1, jew ir-riżultat tal-konverżjoni fil-paragrafu 2, kif jista' jagħti l-każ, meta jiddepożitaw strument għar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni għal din il-Konvenzjoni u kull meta jkun hemm bidla fi kwalunkwe waħda minnhom.".

*Artikolu 9*

L-Artikolu 16(3) tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"3. Il-liġi tal-Qorti li qed tismal-każ għandha tirregola r-raġunijiet għas-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-perijodi ta' limitazzjoni, iżda fl-ebda każ m'għandha tittieħed azzjoni taħt din il-Konvenzjoni wara li jiskadi kwalunkwe wieħed minn dawn il-perjodi ta' żmien li ġejjin:

(a) Perijodu ta' ħames snin li jibda bid-data ta' diżembark tal-passiġġier jew mid-data meta d-diżembark kollu jseħħ, liema minnhom hi aktar tard; jew, jekk aktar kmieni

(b) perijodu ta' tliet snin li jibda mid-data meta r-rikorrent kien jaf jew raġonevolment kellu jkun jaf bil-korriment, it-telf jew il-ħsara kkawżati bl-inċident.".

*Artikolu 10*

[mhux riprodott]

*Artikolu 11*

[mhux riprodott]

*Artikolu 12*

L-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 18*

**Invalidità ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali**

Kwalunkwe dispożizzjoni kuntrattwali konkluża qabel ma jseħħ inċident li jkun ikkawża l-mewt jew il-korriment fuq il-persuna ta' passiġġier jew it-telf jew il-ħsara lill-bagalji tal-passiġġier, intiża biex teħles kwalunkwe persuna responsabbli taħt din il-Konvenzjoni mir-responsabbiltà lejn il-passiġġier jew biex tippreskrivi limitu aktar baxx ta' responsabbiltà minn dak iffissat f'din il-Konvenzjoni ħlief kif previst fl-Artikolu 8, paragrafu 4, u kull dispożizzjoni simili bil-għan li tneħħi r-responsabbiltà tal-prova minn fuq it-trasportatur jew mit-trasportatur prestanti, jew li jkollha l-effett li tnaqqas l-għażliet speċifikati fl-Artikolu 17, paragrafi 1 jew 2, għandha tiġi nulla u bla effett, iżda n-nullità ta' dik id-dispożizzjoni m'għandhiex tagħmel bla effett il-kuntratt tal-ġarr li għandu jibqa' soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.".

*Artikolu 13*

L-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 20*

**Ħsara nukleari**

L-ebda responsabbiltà m'għandha tinħoloq taħt din il-Konvenzjoni għall-ħsara kkawżata minħabba inċident nukleari:

(a) jekk l-operatur ta' installazzjoni nukleari hu responsabbli minn tali ħsara jew taħt il-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 dwar Responsabbiltà ta' Parti Terża fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari kif emendata bil-Protokoll Addizzjonali tat-28 ta' Jannar 1964, jew il-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-21 ta' Mejju 1963 dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Ħsara Nukleari, jew xi emenda jew Protokoll marbut magħha li hu fis-seħħ; jew

(b) jekk l-operatur ta' installazzjoni nukleari jkun responsabbli għal dik il-ħsara permezz ta' liġi nazzjonali li tkopri responsabbiltà għal dik il-ħsara, demnt li tali liġi tkun f'kull aspett favorevoli għal persuni li jistgħu jġarrbu ħsara bħal jew il-Konvenzjoni ta' Pariġi jew ta' Vjenna jew xi emenda jew Protokoll marbut magħha li hu fis-seħħ.".

*Artikolu 14*

**Ċertifikat mudell**

1. Iċ-ċertifikat mudell imniżżel fl-Anness għal dan il-Protokoll għandu jiġi inkorporat bħala anness għall-Konvenzjoni.

2. It-test li ġej huwa jinżied bħala l-Artikolu 1bis tal-Konvenzjoni:

"*Artikolu 1bis*

**Anness**

L-Anness għal din il-Konvenzjoni għandu jikkostitwixxi parti integrali mill-Konvenzjoni.".

*Artikolu 15*

**Interpretazzjoni u applikazzjoni**

1. Il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll, bejn il-Partijiet għal dan il-Protokoll, għandhom jinqraw u jiġu interpretati flimkien bħala strument uniku.

2. Il-Konvenzjoni kif riveduta b'dan il-Protokoll għandha tapplika biss għal talbiet li jirriżultaw minn okkorrenzi li jseħħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għal kull Stat.

3. L-Artikoli 1 sa 22 tal-Konvenzjoni, kif riveduta permezz ta' dan il-Protokoll, flimkien mal-Artikoli 17 sa 25 ta' dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu, għandhom jikkostitwixxu u jissejħu l-Konvenzjoni ta'Ateni marbuta mal-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 2002.

*Artikolu 16*

It-test li ġej jinżied bħala l-Artikolu 22bis tal-Konvenzjoni:

"*Artikolu 22bis*

**Klawżoli finali tal-Konvenzjoni**

Il-klawżoli finali ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu l-Artikoli 17 sa 25 tal-Protokoll tal-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, 1974. Referenzi f'din il-Konvenzjoni għal Stati Parti għandhom jitqiesu li jfissru referenzi għal Stati Parti għal dan il-Protokoll.".

KLAWŻOLI FINALI

*Artikolu 17*

**L-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni u l-adeżjoni**

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar fil-Kwartieri tal-Organizzazzjoni mill-1 ta' Mejju 2003 sat-30 ta' April 2004 u għandu minn hemm 'il quddiem jibqa' miftuħ għal adeżjoni.

2. L-Istati jistgħu jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dan il-Protokoll billi:

(a) jiffirmaw mingħajr riżerva dwar ir-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni; jew

(b) jiffirmaw soġġett għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni b'segwitu għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni; jew

(ċ) adeżjoni.

3. Ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni għandhom jiġu affettwati b' depożitu strument għal dak il-għan mas-Segretarju-Ġenerali.

4. Kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni depożitat wara d-dħul fis-seħħ ta' xi emenda għal dan il-Protokoll fil-każ tal-Stati Partijiet kollha eżistenti, jew wara t-tlestija fil-miżuri kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ l-emenda fir-rigward ta' dawk l-Istati Partijiet għandu jitqies li japplika għal dan il-Protokoll kif modifikat mill-emenda.

5. Stat m'għandux jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabat b'dan il-Protokoll sakemm, jekk ikun Parti minnu, jiddenunċja:

(a) il-Konvenzjoni ta' Ateni Marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Ateni fit-13 ta' Diċembru 1974;

(b) il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Londra fid-19 ta' Novembru 1976; u

(ċ) il-Protokoll tal-1990 jemenda l-Konvenzjoni ta' Ateni marbuta mal-Ġarr ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom bil-Baħar, magħmul f'Londra fid-19 ta' Marzu 1990,

b'effett minn meta dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ f'dak l-Istat, f'konformità mal-Artikolu 20.

*Artikolu 18*

**Stati b'aktar minn sistema waħda ta' liġi**

1. Jekk Stat ikollu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom sistemi differenti ta' liġijiet huma applikabbli fir-rigward tas-suġġetti trattati f'dan il-Protokoll, jista' meta jsiru l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jiddikjara li dan il-Protokoll għandu jestendi għall-unitajiet territorjali tiegħu kollha jew biss għal waħda jew aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jippreżenta dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

2. Kwalunkwe tali dikjarazzjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Segretarju-Ġenerali u għandha tiddkjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom japplika dan il-Protokoll.

3. Fir-rigward ta' Stat Parti li għamel tali dikjarazzjoni:

(a) referenzi għall-Istat tar-reġistru tal-bastiment u, fir-rigward ta' ċertifikat obbligatorju ta' assigurazzjoni, lill-Istat emittenti jew ċertifikatur, għandu jiġi interpretat li qed jirreferi għall-unità territorjali rispettivament li fih hu rreġistrat il-bastiment u li joħroġ jew jiċċertifika ċ-ċertifikat;

(b) referenzi għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali, limitu nazzjonali ta' responsabbiltà u munita nazzjonali għandhom jiġu interpretati rispettivament bħala referenzi għar-rekwiżiti tal-liġi, il-limitu tar-responsabbiltà u l-munita tal-unità territorjali rilevanti; u

(ċ) referenzi għall-qrati, u għas-sentenzi li għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Istati Parti, għandhom jiġu interpretati bħala referenzi rispettivament għall-qrati tas-sentenzi li għandhom jiġu rikonoxxuti fihom, u għall-unità territorjali rilevanti.

*Artikolu 19*

**Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika**

1. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika, li hi kkostitwita minn Stati sovrani li trasferew il-kompetenza dwar ċerti materji rregolati b'dan il-Protokoll lil dik l-Organizzazzjoni, tista' tiffirma, tirratifika, taċċetta, tapprova jew tissieħeb f'dan il-Protokoll. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti għall-Protokoll għandu jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Parti, safejn l-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika għandha kompetenza dwar materji irregolati b'dan il-Protokoll.

2. Fejn Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika teżerċita d-dritt tal-vot fi materji li dwarhom għandha kompetenza, hija għandu jkollha għadd ta' voti ekwivalenti għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet għal dan il-Protokoll u ttrasferewlha l-kompetenza dwar il-kwistjoni inkwistjoni. Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika m'għandhiex teżerċita d-dritt tagħha li tivvota jekk l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw tagħhom, u viċi versa.

3. Fejn in-numru ta' Stati Partijiet hu rilevanti f'dan il-Protokoll, inkluż iżda mhux limitat għall-Artikoli 20 u 23 ta' dan il-Protokoll, l-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika ma għandhiex titqies bħala Stat Parti flimkien mal-Istati Membri tagħha li huma Stati Partijiet.

4. Meta jsir l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, l-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni lis-Segretarju-Ġenerali li fiha tispeċifika l-materji irregolati b'dan il-Protokoll li fir-rigward tagħhom il-kompetenza tkun ġiet ittrasferita lil dik l-Organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha li huma firmatarji jew Partijiet għal dan il-Protokoll u kwalunkwe restrizzjoni oħra rilevanti rigward l-ambitu ta' dik il-kompetenza. L-Organizzazzjoni Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika għandha tinnotifika minnufih lis-Segretarju-Ġenerali dwar kwalunkwe bidla fit-tqassim ta' kompetenza, inklużi trasferimenti ġodda ta' kompetenzi, speċifikati fid-dikjarazzjoni taħt dan il-paragrafu. KwKwalunkwe tali dikjarazzjoni għandha ssir disponibbli mis-Segretarju-Ġenerali skont l-Artikolu 24 ta' dan il-Protokoll.

5. L-Istati Partijiet li huma Stati Membri ta’ Organizzazzjoni Reġjonali ta’ Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti għal dan il-Protokoll għandhom jitqiesu li għandhom kompetenza dwar il-materji kollha rregolati b’dan il-Protokoll li fir-rigward tagħhom trasferimenti ta’ kompetenza lill-Organizzazzjoni ma ġewx dikjarati speċifikament jew notifikati taħt il-paragrafu 4.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tnax-il xahar wara d-data li fiha 10 Stati jkunu jew iffirmawh mingħajr riżerva dwar ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni jew ikunu ddepożitaw strumenti ta’ ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni lis-Segretarju-Ġenerali.

2. Għal kwalunkwe Stat li jirratifika, jaċċetta, japprova jew jaderixxi għal dan il-Protokoll wara li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 għad-dħul fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tad-depożitu minn tali Stat tal-istrument addattat iżda mhux qabel li dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ bi qbil mal-paragrafu 1.

*Artikolu 21*

**Denunzja**

1. Dan il-Protokoll jista’ jiġi denunċjat minn kull Stat Parti fi kwalunkwe ħin wara d-data li fiha dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dak l-Istat.

2. Id-denunzja għandha tiġi affettwata billi jiġi ddepożitat strument għal dak il-għan mas-Segretarju-Ġenerali.

3. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ tnax-il xahar, jew tali perijodu itwal kif jista’ jiġi speċifikat fl-istrument tad-denunzja, wara li jkun iddepożitat mas-Segretarju-Ġenerali.

4. Bħal fost Stati Partijiet għal dan il-Protokoll, id-denunzja minn kwalunkwe wieħed minnhom tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 25 tiegħu, ma għandhiex tiġi interpretata bi kwalunkwe mod bħala denunzja tal-Konvenzjoni kif riveduta b’dan il-Protokoll.

*Artikolu 22*

**Reviżjoni u Emendi**

1. L-Organizzazzjoni tista’ ssejjaħ Konferenza għall-fini li jiġi rivedut jew emendat dan il-Protokoll.

2. L-Organizzazzjoni għandha ssejjaħ Konferenza tal-Istati Partijiet għal dan il-Protokoll għar-reviżjoni jew l-emendar dan il-Protokoll fuq talba ta’ mhux inqas minn terz tal-Istati Partijiet.

*Artikolu 23*

**Emenda tal-limiti**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22, il-proċedura speċjali f’dan l-Artikolu għandha tapplika biss għall-finijiet li temenda l-limiti mniżżla fl-Artikolu 3, paragrafu 1, l-Artikolu 4bis, il-paragrafu 1, l-Artikolu 7, il-paragrafu 1 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif rivedut b’ dan il-Protokoll.

2. Fuq talba ta’ mill-anqas nofs, iżda fl-ebda każ anqas minn sitta, l-Istati Partijiet għal dan il-Protokoll, kwalunkwe proposta biex jiġu emendati l-limiti, inkluż it-tnaqqis, speċifikat fl-Artikolu 3, paragrafu 1, l-Artikolu 4bis, paragrafu 1, l-Artikolu 7, paragrafu 1, u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif riveduta permezz ta’ dan il-Protokoll għandha tiġi ċċirkolata mis-Segretarju-Ġenerali lill-Membri kollha tal-Organizzazzjoni u lill-Istati Partijiet.

3. Kwalunkwe emenda proposta u ċċirkolata kif hawn fuq għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat Legali tal-Organizzazzjoni (minn issa ‘l quddiem magħruf bħala “l-Kumitat Legali”) għall-konsiderazzjoni f’data ta’ mill-anqas sitt xhur wara d-data taċ-ċirkolazzjoni tagħha.

4. L-Istati Partijiet kollha għal din il-Konvenzjoni kif riveduta minn dan il-Protokoll, sew jekk humiex Membri tal-Organizzazzjoni jew le, għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw fil-proċedimenti tal-Kumitat Legali għall-konsiderazzjoni u l-adozzjoni tal-emendi.

5. L-emendi għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni kif riveduta b’dan il-Protokoll preżenti u jivvutaw fil-Kumitat Legali espandut kif previst fil-paragrafu 4, bil-kondizzjoni li tal-anqas nofs l-Istati Partijiet għal din il-Konvenzjoni kif riveduta b’dan il-Protokoll għandhom jiġu preżenti fil-ħin tal-votazzjoni.

6. Meta jaġixxi fuq proposta biex jemenda l-limiti, il-Kumitat Legali għandu jieħu kont tal-esperjenza ta’ inċidenti u, b’mod partikulari, l-ammont ta’ ħsara li tirriżulta minnhom, bidliet fil-valuri monetarji u l-effett tal-emenda proposta dwar l-ispejjeż tal-assigurazzjoni.

7. (a) L-ebda emenda tal-limiti taħt dan l-Artikolu ma tista’ titqies anqas minn ħames snin mid-data li fiha dan il-Protokoll infetaħ għall-iffirmar jew anqas minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ emenda preċedenti taħt dan l-Artikolu.

(b) L-ebda limitu ma jista’ jiżdied sabiex jaqbeż ammont li jikkorrispondi mal-limitu stabbilit fil-Konvenzjoni kif riveduta minn dan il-Protokoll miżjud b’sitta fil-mija kull sena kkalkulat fuq bażi ta’ interessi akkumulati mid-data li fiha dan il-Protokoll infetaħ għall-iffirmar.

(ċ) L-ebda limitu ma jista’ jiżdied sabiex jaqbeż l-ammont li jikkorrispondi għal-limitu stipulat fil-Konvenzjoni kif rivedut permezz ta’ dan il-Protokoll immultiplikat bi tlieta.

8. Kwalunkwe emenda adottata skont il-paragrafu 5 għandha tiġi nnotifikata mill-Organizzazzjoni lill-Istati Partijiet. L-emenda għandha titqies li ġiet aċċettata fi tmiem il-perijodu ta’ tmintax-il xahar wara d-data tan-notifika, sakemm f’dak il-perijodu mhux anqas minn kwart tal-Istati li kienu Stati Partijiet fil-ħin tal-adozzjoni tal-emenda jkunu għarrfu lis-Segretarju-Ġenerali li huma ma jaċċettawx l-emenda, f’liema każ l-emenda tiġi rrifjutata u m’għandux ikollha effett.

9. Emenda li titqies li ġiet aċċettata f'konformità mal-paragrafu 8 għandha tidħol fis-seħħ tmintax-il xahar wara l-aċċettazzjoni tagħha.

10. L-Istati Partijiet kollha għandhom ikunu marbuta bl-emenda, sakemm ma jiddenunċjawx dan il-Protokoll skont l-Artikolu 21(1) u (2) tal-anqas sitt xhur qabel mal-emenda tidħol fis-seħħ. TTali denunzja għandu jkollha effett meta l-emenda tidħol fis-seħħ.

11. Meta emenda tkun ġiet adottata iżda l-perijodu ta' tmintax-il xahar għall-aċċettazzjoni tagħha ma jkunx skada, Stat li jsir Stat Parti matul dak il-perjodu għandu jkun marbut bl-emenda jekk din tidħol fis-seħħ. Stat li jsir Stat Parti wara dak il-perijodu għandu jkun marbut b'emenda li tkun ġiet aċċettata skont il-paragrafu 8. Fil-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, Stat ikun marbut b'emenda meta dik l-emenda tidħol fis-seħħ, jew meta dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dak l-Istat, jew aktar tard.

*Artikolu 24*

**Depożitorju**

1. Dan il-Protokoll u kwalunkwe emenda adottata taħt l-Artikolu 23 għandhom ikunu depożitati mas-Segretarju-Ġenerali.

2. Is-Segretarju-Ġenerali għandu:

(a) jinforma lill-Istati kollha li ffirmaw jew aderixxu għal dan il-Protokoll dwar:

(i) kull firma jew depożitu ġdid ta' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni flimkien mad-data tagħhom;

(ii) kull dikjarazzjoni u komunikazzjoni taħt l-Artikolu 9(2) u (3), l-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 19(4) tal-Konvenzjoni kif riveduta b'dan il-Protokoll;

(iii) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll;

(iv) kwalunkwe proposta biex jiġu emendati l-limiti li saret skont l-Artikolu 23(2) ta' dan il-Protokoll;

(v) kwalunkwe emenda li ġiet adottata skont l-Artikolu 23(5) ta' dan il-Protokoll;

(vi) kwalunkwe emenda meqjusa li tkun ġiet aċċettata taħt l-Artikolu 23(8) ta' dan il-Protokoll, flimkien mad-data li fiha dik l-emenda għandha tidħol fis-seħħ skont il-paragrafi 8 u 9 ta' dak l-Artikolu;

(vii) id-depożitu ta' strument ta' denunzja ta' dan il-Protokoll flimkien mad-data tad-depożitu u d-data li fiha jkollu effett;

(viii) kwalunkwe komunikazzjoni li tintalab minn xi Artikolu ta' dan il-Protokoll;

(b) jinbagħtu kopji ċċertifikati veri ta' dan il-Protokoll lill-Istati kollha li ffirmaw jew jaderixxu għal dan il-Protokoll.

3. Malli dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ, it-test għandu jintbagħat mis-Segretarju-Ġenerali lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni skont l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 25*

**Lingwi**

Dan il-Protokoll huwa stabbilit f'oriġinal uniku bil-lingwa Għarbija, biċ-Ċiniż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol, kull test huwa awtentiku ugwalment.

MAGĦMUL F'LONDRA, l-ewwel ta' Novembru, elfejn u tnejn.

LI KIENU XHIEDA TIEGĦU sottoskritti, awtorizzati debitament mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom għal dan il-fini, iffirmaw dan il-Protokoll.

*ANNESS GĦALL-PROTOKOLL TA' ATENI*

**ĊERTIFIKAT TA' ASSIGURAZZJONI JEW GARANZIJA FINANZJARJA OĦRA FIR-RIGWARD TAR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-MEWT U L-KORRIMENT FUQ IL-PERSUNA TA' PASSIĠĠIERI**

Maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4bis tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 2002,

| Isem tal-Vapur | In-numru jew l-ittri distintivi | Numru ta' Identifikazzjoni IMO tal-Bastiment | Port ta' Reġistrazzjoni | Isem u indirizz sħiħ tal-post prinċipali ta' negozju tat-trasportatur prestanti |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Dan jiċċertifika li fir-rigward tal-bastiment imsemmi hawn fuq hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni jew garanzija finanzjarja oħra li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4bis tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 2002.

Tip ta' garanzija ..........

Tul ta' żmien tal-Garanzija ..........

Isem u indirizz tal-assiguratur(i) u/jew il-garanti

Isem ..........

Indirizz ..........

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sa ..........

Maħruġ jew iċċertifikat mill-Gvern ta'

..........
(Denominazzjoni kompluta tal-Istat)

JEW

It-test li ġej għandu jintuża meta Stat Parti jagħmel użu mill-Artikolu 4bis, paragrafu 3:

Iċ-ċertifikat preżenti huwa maħruġ taħt l-awtorità tal-Gvern ta'

.......... (denominazzjoni sħiħa tal-Istat) minn ..........
(isem tal-istituzzjoni jew organizzazzjoni)

.......... Fi ..........
(Post) (Data)

..........
(Firma u Titolu tal-uffiċjal tal-ħruġ jew taċ-ċertifikazzjoni)

**Noti ta' Spjegazzjoni:**

1. Jekk ikun mixtieq, id-denominazzjoni ta' Stat tista' tinkludi referenza għall-awtorità pubblika kompetenti tal-pajjiż fejn jinħareġ iċ-Ċertifikat.
2. Jekk l-ammont totali tal-garanzija ngħata minn aktar minn sors wieħed, l-ammont ta' kull wieħed minnhom għandu jiġi indikat.
3. Jekk il-garanzija tingħata f'forom diversi, dawn għandhom jiġu nnumerati.
4. Il-parti "Tul tal-Garanzija" trid tistipula d-data meta jkollha effett din il-garanzija.
5. Il-parti "Indirizz" tal-assiguratur(i) u/jew tal-garanti trid tindika l-post prinċipali tan-negozju tal-assiguratur(i) u/jew tal-garanti. Jekk xieraq, għandu jiġi indikat il-post tan-negozju fejn l-assigurazzjoni jew garanzija oħra tkun stabbilita.